MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 1327/2002

**Corinne Apap Bologna u Gordon Mizzi.**

**-vs-**

**Demoncada Limited, Kenneth C. Mizzi, Veronique Mizzi u Angele Calleja.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-25 ta' Novembru, 2002 li permezz tieghu l-atturi esponew:

Illi r-rikorrenti ghandhom ghoxrin fil-mija tal-ishma kull wiehed tas-socjeta intimata Demoncada Limited u ilhom membri ta' din il-kumpanija ghal diversi snin.

Illi l-intimati Kenneth C. Mizzi, Veronique Mizzi u Angele Calleja ghandhom il-bqija ta’ l-ishma u cioe’ ghoxrin fil-mija kull wiehed ta’ l-istess socjeta Demoncada Limited.

Illi fis-sena 1972, meta giet imwaqqfa fuq l-imsemmija socjeta gew ukoll imwaqqfin zewg socjetajiet ohra b’l-isem ta’ Devilhena Limited u Daragon Limited u l-azzjonisti ta’ dawn iz-zewg kumpaniji huma lkoll membri ta’ l-istess familja u lkoll jigu minn xulxin.

Illi s-socjeta Demoncada Limited ghandha terz mill-ishma tas-socjetajiet Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited, Falcon Wines & Spirits Limited u Mizzi Holdings Limited.

Illi l-ishma l-ohra fis-socjetajiet Kastell Limited u Falcon Wines & Spirits Limited jappartjenu lill-Daragon Limited u Devilhena Limited in kwantu ghal terz mill-ishma kull wiehed filwaqt li l-ishma l-ohra fis-socjetajiet Consolidated Holdings Limited u Mizzi Holdings Limited jappartjenu lill-Maurice Mizzi u Daragon Limited in kwantu ghal terz mill-ishma kull wiehed.

Illi fuq l-imsemmija socjetajiet flimkien u wkoll flimkien mas-socjeta The General Soft Drinks Company Limited, jifformaw u jagixxu bhala grupp u l-kontijiet taghhom huma sew separati kemm konsolidati, billi jitmexxew bhala grupp taht in-nom ta’ Mizzi Organisation u b’hekk l-interess ta’ l-atturi jinfirex fuq kull wahda minn dawn il-kumpaniji.

Illi l-istruttura tat-tlett kumpaniji principali u cioe Demoncada Limited, Daragon Limited u Devilehna Limited, giet imfassla bil-hsieb illi tippermetti li jkun hemm rapprezentanza ta’ kull azzjonista f’kull wahda mit-terz tal-ishma tal-fuq imsemmija kumpaniji kif ukoll ta’ dawk il-kumpaniji sussuidjarji taghhom u dan kemm fil-bord dirigenti, kif ukoll f’l-amministrazzjoni tad-diversi kumpaniji.

Illi madankollu din l-istruttura m’hijiex tigi rispettata tant illi n-

negozju tal-istess socjetajiet u diversi socjetajiet ohra appartenenti lill-istess grupp ta' socjetajiet qeghdin jigu gestiti b'mod li jarreka pregudizzju evidenti u serju lill-atturi u dan billi, fost affarijiet ohrajn, tali negozju qed jitmexxa b'mod irresponsabbli mid-Diretturi, eskluz ir-rikorrent Gordon Mizzi, fejn anki jirrizulta kunflitt ta' interess fit-tmexxija taghhom u sahansitra saru dikjarazzjonijiet foloz, kif ser jigi pruvat ahjar tul is-smiegh tal-kawza.

Illi r-rikorrent Gordon Mizzi kien wiehed mid-Diretturi tas-socjeta intimata Demoncada Limited izda gie imnehhi minn din il-kariga fil-11 ta' Novembru, 2002. Permezz ta' dan l-agir, l-azzjonisti membri tal-kumpanija intimata li vvutaw favur tali tnehhija, eskludew lir-rikorrent Gordon Mizzi kompletament milli jippartecipa fid-decizjonijiet li jittiehdu fis-socjeta u wkoll qeghdin jippruvaw jaqtghulu kompletament id-dhul tieghu mis-salarju li kien jercievi bhala Direttur u kwalunkwe qliegh iehor relatat ma tali posizzjoni.

Illi bin-tnehhija tar-rikorrent minn Direttur huwa gie prekluz milli jaghmel kwalunkwe tentattiv fil-poter tieghu sabiex jikkawtela d-drittijiet ta' l-azzjonisti, fosthom tar-rikorrenti Corinne Apap Bologna, kif ukoll l-interess tieghu personali bhala wiehed minnhom.

Illi t-tnehhija tar-rikorrent minn Direttur ma kienetx wahda li saret in bona fede u lanqas ma saret f'l-ahjar interess tas-socjeta Demoncada Limited.

Illi permezz ta' din it-tnehhija r-rikorrenti qeghdin jigu eskludi b'mod generali milli jippartecipaw fil-management tal-grupp maghruf bhala Mizzi Organisation.

Illi l-mekkanismi ta' amministrazzjoni tal-istess grupp ta' socjetajiet qieghed progressivament jaggrava l-posizzjoni tal-istess rikorrenti billi qieghed jikkoncentra l-poter decizjonali effettiv u l-qiegh li jsir mill-grupp dejjem f'idejn cirklu ristrett

ta’ persuni tant illi r-rikorrenti qeghdin jigu assoggettati ghal sistema ta’ opressjoni u abbuz ta’ natura kontinwa u persistenti, li hija oneruza, kiefra u hazina.

Illi nonostante d-diversi lmenti gusti ta’ l-atturi baqa ma sar sostenzjalment xejn biex is-sitwazzjoni tigi rrangata u l-posizzjoni tal-azzjonisti tigi miljorata, anzi qeghdin jittiehdu passi ulterjuri, fosthom it-tnehhija tar-rikorrent Gordon Mizzi minn Direttur, sabiex jostakolaw lir-rikorrenti fit-tentattivi taghhom li jissalvagwardaw id-drittijiet taghhom.

Illi fil-fatt ir-rikorrenti jirrizervaw li fix-xhieda taghhom u tul it-trattazzjoni tal-kawza jispjegaw ahjar u iktar fid-dettal kif dan l-abbuz qieghed isehh u kif dinl-oppressjoni, eskluzjoni u diskriminazzjoni qed tigi sistematikament prattikata fil-konfront taghhom.

Illi ghalhekk jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgboha:

1. Tiddikjara li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija;

2. Tordna ix-xoljiment tal-kumpanija Demoncada Limited u dan a tenur ta’ l-artikolu 214(2) u l-artikoli l-ohra relattivi ta’ l-Att Dwar il-Kumpaniji;

3. Tahtar stralcarju, jekk ikun il-kaz, ghal dan l-iskop.

Salv kull provvediment ulterjuri li jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li permezz taghha esponew bir-rispett:

1. Preliminarjament ir-rikorrenti ma ghandhomx locus standi peress illi rikors ghall-stralc a tenur tal-Artikolu 218 tal-Companies Act jista jsir biss jew mill-kumpanija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kredituri jew kreditur, jew minn xi kontributorju jew kontributorji.

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregiudizzju ghas-suespost l-aggravji u l-allegazzjonijiet migjuba 'il quddiem mir-rikorrenti huma mertu ta' kawza pendenti quddiem dina l-Qorti fl-ismijiet "Gordon Mizzi et vs Dr. John C. Grech e" (Citazz. Nru 921/02 JRM) u ghalhekk ghandhu japplika il-principju ne bis in idem.

3. Dejjem bla pregudizzju ghas-suespost fil-meritu l-esponenti jissottomettu illi ghal dak illi jirrigwarda l-fatti esposti fl-ewwel pagna tar-rikors dawna m'humiex kontestati.

4.A. Illi in fatti esposti fl-ewwel zewg paragrafi tat-tieni pagna tar-rikors huma inveridici. Is-socjetajiet Demoncada Limited, Daragon Limited jew Maurice Mizzi u Devilhena Limited ghandhom terz kull wiehed mill-ishma tas-socjetajiet Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited, Falcon Wines & Spirits Limited u Mizzi Holdings Limited. Ghalkemm ma hemmx l-ebda disposizzjoni fl-istatut ta' dawn is-socjetajiet illi jobblighom jinnominaw fuq il-Bord tad-diretturi taghhom membri tas-socjetajiet Demoncada, Daragon jew Maurice Mizzi u Devilhena fil-fatt l-istess Bordijiet kienu u ghadhom komposti mill-membri tal-familja Mizzi salv ghac-Chairman John C. Grech b-mod illi kull wahda mis-socjetajiet Demoncada, Daragon jew Maurice Mizzi u Devilhena ghandha id-debita rappresentanza tat-tlett familji. Izda kuntrarjament ghal dak illi qed jigi allegat mir-rikorrenti qadt ma kien l-intendiment illi kull membru minn kull familja jkollu dritt sacrosant illi

jifforma parti mill-Bord tad-ditretturi ta' kull socjeta illi fiha Demoncada, Daragon jew Maurice Mizzi u Devilhena ghadhom interess sia dirett jew indirett.

4.B. Illi mhux korrett dak illi qed jigi allegat dwar l-amministrazzjoni tas-socjetajiet hawn fuq immsemija. Dina l-allegazzjoni qeda tigi respinta bl-aktar mod kategoriku. Del resto jinghad illi sa ftit xhur ilhu l-istess rikorrent Gordon Mizzi kien direttur taghhom u allura r-rikorrenti qed jaghti x'jifhem illi hu stess kien partecipi ghall-30 sena shah f'gestjoni hazina!

5. Dwar il-fatti esposti fit-tielet paragrafu tat-tieni pagna tar-rikors hu minnu illi Gordon Mizzi gie rimoss minn direttur tas-socjeta Demoncada Limited fil-11 ta' Novembru 2002. Dana sar a tenur tal-Artikolu 140 (1) tal-Companies Act liema artikolu jghati dritt lill-azzjonisti biex jiehdu passi ghat-tnehhija ta' direttur permezz ta' risoluzzjoni li ttitiehed f'laqgha generali tal-kumpanija. L-Artikolu 140 (2) mbaghad jipprovdi specifikament illi d-disposizzjonijiet "tas-sub-Artikolu (1) ta dan l-artikolu (l-Artikolu 140 (1)) japplikaw minkejja kull haga li tinstab fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpanija jew f'xi ftehim bejnha u d-diretturi". L-esponenti josservaw illi socjeta tappartjeni lill azzjonisti u jispetta lilhom illi jaghzlu minn ghandhu bhala direttur iservi is-socjeta. Palmer fl-opra tieghu "Palmer's Company Law" 21st Edition f'pagna 544 'Removal of Directors' jghid hekk "Where the shareholders have no powers, apart that given by statue or articles ........ to intervene in the management of the Company's affairs, this Section (140 taghna) – which cannot be abrogated (is-sottolinear tal-esponenti) enables them to control the directors by removing them. This section enables the shareholders to assert themselves against the directors, if need be, and make it clear that the ultimate control is in the hands of the proprietors of the company".

L-Artikolu 140 (3) jghati dritt t'azzjoni lil tali direttur kontra s-socjeta' ghall-kumpens jew dannu imma mhux id-dritt li jitlob ghall-istralc tas-socjeta' kif qishom qedin jippretendu

li ghandhom ir-rikorrenti. F'kull kaz salv ghad-dividends ir-rikorrent Gordon Mizzi ma kienx jippercepixxi l-ebda salarju jew xi forma ta' hlas minn Demoncada Limited meta kien jesplika il-mansjonijiet ta' direttur.

6. Illi ghal dak illi qed jigi allegat fir-raba paragrafu tat-tieni pagna tar-rikors Gordon Mizzi ma ghandu l-ebda dritt kif qed jippretendi illi jigi nominat direttur biex jissalvagwardja l-interess tieghu u tar-rikorrenti l-ohra Corinne Apap Bologna. Il-fatt illi wiehed ma jesplikax il-mansjonijiet ta' direttur ma jfissirx illi l-interessi tieghu qua azzjonista m'humiex qedin jigu salvagwardati. L-esponenti jipprecisaw illi kieku Gordon Mizzi kellu jokkupa il-kariga ta' direttur ikun obbligat illi jissalvagwarda l-interess ta' kull azzjonisti u mhux l-interessi tieghu biss.

7. Illi t-tnehhija ta' Gordon Mizzi minn direttur la saret in male fede u lanqas kapricosament imma ghar-ragunijiet validi u giusti kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tar-rikors. Ghall-kuntrarju jidher mill-proceduri odherni illi huma r-rikorrenti senjatament Gordon Mizzi illi qed jagixxu in mala fede u dana peress illi meta gie rimoss minn direttur bil mod kif espost fil-paragrafu 5 u hassu isolat ma sabx triq ohra hlief illi jirrikorri ghal dawna il-proceduri illi huma ghal kollox vessatorji u bla ebda basi fattwali u legali.

8. Illi dwar dak illi qed jinghad fis-sitt paragrafu tat-tieni pagna anke kieku ir-rikorrent Gordon Mizzi baqa jesplika il-mansjonijiet tieghu ta' direttur tas-socjeta' Demoncada Limited ma kellu l-ebda garanzija, kif qed jidher illi jippretendi li ghandu, illi kien sejjer ikun imsejjah biex jippartecipa fil-management tal-grupp Mizzi

Organisation u wisq anqas illi jigi nominat direttur ta' xi kumpanija formanti parti mill-Mizzi Organisation.

9. Illi l-ilment migjuba 'l quddiem fis-seba paragrafu tat-tieni pagna ghandhom jigu diretti kontra is-socjetajiet illi qedin jilmentaw dwarhom ir-rikorrenti. A

skanz ta’ ekwivoci jigi pero’ rilevat illi l-intimati huma konxji ta’ dak illi qed isir fil-gestjoni tas-socjetajiet formanti parti mill-Mizzi Organisation fis-sens illi dawna qeghdin jitmexxew b’mod korrett u fl-interess ta’ l-azzjonisti kollha inkluz ir-rikorrenti.

10. Illi kuntrarjament ghal dak illi qed jigi allegat mill-fuq espost jidher manifestament car illi ma tezisti l-ebda raguni ta’ natura tali illi tiggustifika ix-xoljiment tas-socjeta’ Demoncada Limited. Fir-rikors wiehed ma jirriskontra l-ebda raguni illi timmerita dan il-pass billi l-ilmenti kollha imsemmija fir-rikors huma indirizzati lejn terzi illi m’humiex parti f’dawn il-proceduri salv ghat-tnehhija tar-rikorrenti Gordon Mizzi minn direttur – fatt illi ma ghandu ebda relevanza ghall-materja in kwistjoni u li dwarhu l-esponenti fil-paragrafu 5 ta’ dina r-risposta diga esprimew ruhhom.

11. Illi in vista tas-suespost:

1. Ma hemmx ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija.

2. Ir-rikorrenti naqqsu milli jipprecisaw a basi ta’ liema artikoli l-ohra tal-Att Dwar Il-Kumpaniji qedin jitolbu ix-xoljiment tas-socjeta’. F’kull kaz l-artikolu 214 (2) mhux applikabbli ghall-kaz in dizamina peress illi kif jafu ben tajjeb ir-rikorrenti is-socjeta Demoncada Limited hija ‘holding company’; ma tiggestixxi l-ebda tip ta’ negozju u

kull ma taghmel hu illi, tippercepixxi “dividends” mis-socjetajiet illi fiha hi partecipi liema “dividends” kienu u ghadhom jigu ripartiti bejn l-azzonisti kollha inkluz ir-rikorrenti fi kwoti ugwali. Is-socjeta ghanda assi konsiderevoli u l-ebda passivita’. Dina l-allegazzjoni da parti tar-rikorrenti hi ghal kollox gratuita; bla ebda fazi fattwali maghmula in mala fede u ntiza biss biex tirreka dannu lis-socjeta’ Demoncada Limited. L-esponenti

ghalhekk izzommu ferm u integru kwalsiasi dritt spettanti lilhom kontra ir-rikorrenti senjatament dik ghad-danni.

Ghalhekk id-domandi tar-rikorrenti ghandhom jigi michuda.

Rat l-atti processwali kompriz in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Novembru, 2004 illi permezz tieghu r-rikors thalla ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti qed jitlob li jigi nominat stralcjarju biex jipprocedi ghal-likwidazzjoni tas-socjeta’ Demoncada Limited. L-initmati qeghdin jeccepixxu preliminarjament li r-rikorrenti li huma azzjonisti tal-istess socjeta’ ma ghandhomx *locus standi* fi proceduri simili.

Hu car li r-rikorrenti qed jaghmlu t-talba taghhom a tenur tal-Artikolu 214 (1) tal-Att Dwar il-kumpanniji billi huma l-istess rikorrenti illi ccitaw dan l-Artikolu fir-rikors taghhom, ghalkemm fl-istess rikors huma semmew ukoll *artikoli l-ohra relattivi.* Madankollu jidher car li t-talba qed issir a bazi ta’ l-artiklu imsemmi. Hu minnu li kif qalu r-rikorrenti fin-nota ta’

sottomissjonijiet taghhom li min iressaq xi tip ta’ kawza quddiem il-Qrati taghna ma ghandux ghalfejn jindika taht liema artiklu qed iressaq il-kawza, izda s-sentenzi illi ccitaw kienu dwar kawzi differenti minn dik odjerna. Dan ghaliex meta xi hadd iressaq proceduri taht xi Att partikolari, hu importanti li d-dettami ta’ dak l-Att jigu osservati skruplozament. Dan apparti l-fatt li anke jekk is-sistema taghna m’hijiex rigida kif certament kienet fid-dritt Ruman, il-konvenut jew intimat ghandu dritt ikun jaf x’tip ta’ kawzali qed jippresenta l-attur biex ikun jista’ jiddefendi

ruhu adekwatament. Fil-fehma tal-Qorti ladarba r-rikorrenti ghazlu li jsemmu l-Artikolu 214, dan ifisser illi huma qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-istess artiklu. Il-Qorti ma tistax tissupplimenta u aktar minn hekk taghmel taghha kawzali li ma jigux indikati bi kjarezza.

Skond l-Artikolu 218 tal-Att in kwistjoni talba ghal stralc tista' ssir fost ohrajn minn *kontributorju jew kontributorji.* Skond l-Artikolu 215 *il-kelma kontributorju tfisser kull persuna li tkun responsabbli tikkontribwixxi ghall-attiv tal-kumpannija fil-kaz tax-xoljiment taghha u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 216 u 217 ta' dan l-Att ghandhom jghoddu biex jigu determinati l-persuni li huma hekk responsabbli.*

Ma jidhirx li sa issa dan il-punt gie deciz mill-Qrati taghna izda jidher li l-Qrati Inglizi nterpretaw dawn l-artikoli fi-sens li azzjonista illi gia' hallas sehmu jista' jikkwalifika ukoll bhala kontributorju. Dan naturalment soggett ghall-prova li jezistu r-rekwisiti l-ohra skond l-Artikolu 214, li f'din il-kawza ghad trid issir prova dwarhom. Infatti dan il-punt gie deciz mill-Qrati Inglizi sa mis-sena 1866 fil-kazi *Anglesea Colliery* u *National Savings Bank Association* u wara *Walkers and Others Petitioners* (1894) u kazi ohrajn (ara **Charlesworth and Morse 15th Edition** pagni 722 u 777). Ir-ragunament tal-Qrati Inglizi kien li azzjonist li gia' hallas sehmu ma ghandux, semplicement ghaliex appuntu hallas sehmu, jitlef xi dritt li jkollu meta jkun ghadu ma hallasx sehmu. Dan jidher li hu argument validu u ma

jaghmilx sens li xi hadd jitlef xi dritt li jkollu meta ma jkunx wettaq l-obbligu tieghu proprju ghaliex ikun wettaq dan l-obligu. Allura l-kelma kontributorju ghandha tigi nterpretata f'dan is-sens u cioe' li tinkludi kull persuna li jista' jigi tenut jikkontribwixxi f'kaz ta' xoljiment anke jekk, billi jkun hallas sehmu skond l-istatut tal-kumpannija fil-prattika ma baqghalu jikkontribwixxi xejn.

Kif gia' nghad ir-rikorrenti jridu jressqu provi li hemm ragunijiet validi bizzejjed ghat-talba taghhom, izda fil-fehma tal-Qorti il-fatt biss li huma azzjonisti hekk imsejjha *fully paid up* ma ghandux jiskwalifikahom milli jibdew dawn il-proceduri. L-istess argument migjub mill-intimati a Fol 27 tal-process jikkonferma dan; f'**Palmer' s Company Law** wiehed isib li *... the court will not make a winding up order on the petition of a contributory unless he shows .. a tangible interest in the winding up.* Dan ifisser li r-rikorrenti jistghu jipprocedu izda jridu iressqu l-provi li ghandhom interess fl-istralc. Il-brani citati fin-noti huma tal-istess tenur.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tordna t-tkomplija tal-kawza. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------